# Il-Ħadd 25.03.2018

1. Illum 25/03, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-knisja parrokkjali.
   - Fid-8:45am - Inkomplu bil-quddiesa li fiha t-tfal tal-katekiżmu joffru l-Karus ta' Mħabba.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa
   - Mis-6:30pm - Il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-
     sas-7:30pm ***'Tenebrae',*** Kunċert fil-Ġimgħa Mqaddsa imtella' mill-Kor 'Sine Macula' u n-'Novum Ensemble', b'mużika, kant u qari adatti għal dawn iż-żminijiet. Mhux ta' min jitilfu.

2. It-Tnejn 26/03 u t-Tlieta 27/03:
   - Bħal kull sena, matul dawn il-jumejn, qed nitolbu biex min jista' jġib fjuri bojod u ħaxix ħalli jkun jista' jiżżejjen l-Altar tar-Repożizzjoni (is-Sepulkru).

3. It-Tnejn 26/03:
   - Fit-7:45pm - **Via Sagra**, bi stazzjonijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali u fil-misraħ u t-toroq prinċipali tal-parroċċa tagħna. Din ser tkun animata mis-*Safi Drama Group* b'mimi, talb u kant li jgħinuna nkomplu nirriflettu fuq l-aħħar mumenti ta' Ġesù f'din il-Ġimgħa Qaddisa. Tibda u tintemm fiċ-Ċentru. Kulħadd mistieden.

4. L-Erbgħa 28/03:
   - Mit-8:15am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-7:30pm tibda l-Via Crucis Nazzjonali mmexxija minn Mons. Arċisqof, u li tiġi mxandra mill-RTK. Tibda minn ħdejn l-istatwa ta' Kristu Re, il-Furjana, u tintemm quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

5. Għall-jiem tat-**Tridu ta' l-Għid – jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, u Sibt il-Għid** – araw il-programm dettaljat fil-fuljett 'Flimkien' ta' Marzu li tqassam fi djarkom. Inħeġġu ħafna l-parteċipazzjoni tagħkom f'dawn il-funzjonijiet speċjali. Infakkru f'dawn il-jiem ikollna bżonn ħafna għajnuna, speċjalment hawn fil-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru, kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja.

6. Is-Sibt 31/03, **Sibt il-Għid**:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Parti mill-funzjoni tkun li nixgħelu ix-xemgħat mill-Blandun. Nistednukom iġġibu x-xemgħat magħkom mid-dar, qies normali. Wara li nużawhom fil-funzjoni nħalluhom il-knisja biex inkunu nistgħu nixgħeluhom matul is-sena fuq l-altar maġenb it-tabernaklu. Ġibu xi qniepen ukoll.

7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li għandna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ta' min inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'nru 28, Triq Dun Ġużepp Caruana.
   - Issa li daret is-siegħa, il-quddies ta' filgħaxija tal-Ħadd jibda jkun fis-6:00pm, u tibda minn Ħadd il-Għid.
   - Il-Programm tat-Tberik fil-Familji (li ser nibdewh mit-Tnejn 09/04) tistgħu ssibuh fuq in-Notice Boards taz-zuntier, fuq il-website tal-parroċċa, u fil-'Flimkien' ta' April li għad irid jitqassam.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 530 bħala ġabra speċjali b'risq is-Seminarju;
   - € 151 mil-lotterija li kellna;
   - € 30 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr;
   - € 45 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tad-Duluri u s-Sepulkru. Grazzi mill-qalb.

# PROGRAMM FIL-FULJETT ‘Flimkien’
# GĦAT-TLETT IJIEM TAL-GĦID TAL-MULEJ

1. Il-Ħamis 29/03, **Ħamis ix-Xirka**:
   - Fis-6:30am - *Tiftaħ il-knisja.*
   - Fis-7:30am - sat-8:00am Talb flimkien fil-knisja parrokkjali: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum.
   - Fid-9:00am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha jsiru t-Tberik taż-Żjut Imqaddsa, u t-Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali.
   - Fil-5:00pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
   - Fit-8:30pm - Viżti animati mill-Animaturi u l-Letturi.
   - Fl-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u l-Grupp Koppji Miżżewġa.
   - Fil-11:00pm - *Tagħlaq il-knisja.*
   - Fil-11:15am - Mill-pjazza jitlaq trasport organizzat lejn il-Mellieħa, minħabba l-Mixja b’risq Puttinu Cares.

2. Il-Ġimgħa 30/03, **il-Ġimgħa l-Kbira**:
   - F’12:30am - Tibda l-Mixja b’risq Puttinu Cares mill-Mellieħa lejn l-Isla.

   Fis-6:30am - *Tiftaħ il-knisja.*
   - Fis-7:00am - Viżti.
   - Fit-8:00am - Talb flimkien: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan, s-Sem. Tony Pace u s-Sorijiet Dumnikani.
   - Fid-9:00am - Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Bniet.
   - Fl-10:00am - Viżti animati mill-membri tal-MUSEUM – Subien.
   - Fil-11:00am - Ħin ta’ skiet, ġabra u talb personali.

   F’12:00pm - *Tagħlaq il-knisja u terġa’ tiftaħ fis-2:15pm.*
   - Fis-2:30pm - Via Sagra.
   - Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

3. Is-Sibt 31/03, **Sibt il-Għid**:
   - Fit-7:45am - sat-8:15am Talb flimkien fil-knisja ta’ Santa Marija: L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta’ Sbieħ il-Jum.
   - Fis-6:00pm - Qrar.
   - Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija.

4. Il-Ħadd 01/04, **l-Għid il-Kbir**:
   - Fis-6:45am - Quddiesa.
   - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
   - Fl-10:00am - Quddiesa.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.